MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1184/2005

**Citadel Insurance p.l.c (C-21550)**
**vs**
**Philip Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00), dovuta mill-konvenut bhala excess wara incident tat-traffiku li sehh nhar is-17 ta' Lulju, 2003, u dan skond il-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni tal-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni BBN-405, involuta fl-istess incident u assigurata mas-socjeta` mittenti.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Mejju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma dehert, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-18 t'April, 2006, sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------